**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**

**SEZZJONI ĠENERALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Ċitazzjoni Numru 31/1994 fl-ismijiet:**

**Joseph, Frank, Margaret, xebba aħwa Tabone, l-istess Joseph Tabone jidher anki f'ismu u in rappreżentanza ta' ħutu msifrin Louis, Emanuel u Carmen mart Tony Borg aħwa Tabone, u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Ġunju 2017, Joseph u Maria Concetta konjuġi Bugeja ġew kjamati fil-kawża flok Joseph, Frank, Margaret xebba, Louis, Emanuel u Carmen mart Tony Borg, ilkoll aħwa Tabone, Tarcisio u Maria konjugi Portelli, Joseph Schembri**

**Vs**

**Francis u George aħwa Schembri**

**Illum, 27 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti;**

**Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fit-23 ta' Frar, 1994 li permezz tagħha l-atturi ippremettew is-segwenti:**

*Peress illi l-atturi aħwa Tabone huma l-proprjetarji tal-fond numru tmienja (8) ta' Triq San Ġusepp, Victoria, Għawdex, li jikkonfina minn nofsinhar u mill-lvant mal-fond numru sebgħa (7) tal-istess Triq San Ġusepp, Victoria, Għawdex proprjeta' tal-konvenuti jew xi ħadd minnhom.*

*Peress illi l-atturi konjuġi Portelli huma l-proprjetarji tad-dar numru ħamsa (5) ta' Triq Michelangelo Refalo, Victoria, Għawdex, li hija sovrapposta għall-fond imsemmi numru sebgħa (7) ta' Triq San Ġusepp, Victoria, Għawdex.*

*Peress illi l-komparenti Joseph Schembri huwa l-proprjetarju tal-fond numru sitta (6) ta' Triq San Ġusepp, Victoria, Għawdex li jmiss mit-tramuntana mal-istess fond numru sebgħa (7) Tria San Ġusepp, Victoria, Għawdex.*

*Peress illi riċentement l-intimati bdew xogħolijiet strutturali fil-proprjeta' tagħhom liema xogħolijiet kienu in parti anki fil-ħitan diviżorji ta' bejn il-proprjetajiet imsemmija.*

*Peress illi stante li dawn ix-xogħolijiet kienu jippreġudikaw il-jeddijiet tal-atturi, huma pproċedew b'mandat ta' inibizzjoni kontrihom sabiex dawn jiġu miżmuma milli personalment jew permezz ta' terzi jagħmlu kwalsiasi xogħolijiet f'dan il-ħajt liema mandat iġib in-numru 1352 tal-elf disa' mija u tlieta u disgħin (1992) – (Recte: 1993).*

*Peress illi waqt is-smiegħ ta' dan il-mandat fl-erbatax ta' Diċembru tal-elf Disa' mija u tlieta u disgħin (14.12.1993) il-konvenuti intrabtu li ma jagħmlu ebda xogħolijiet ulterjuri għajr dawk li jiġu espressament awtorizzati minn Perit Arkitett li jiġi maħtur għal dan il-għan minn din il-Qorti bi qbil bejn il-partijiet u li ma jkunux jippreġudikaw il-jeddijiet tal-atturi.*

*Peress illi għalkemm għal xi żmien il-konvenuti qagħdu għal dak ivverbalizzat minnhom riċentement reġgħu bdew jagħmlu xogħolijiet ulterjuri fil-ħajt diviżorju li jinkludu tqattigħ fil-ħajt divizorju sabiex jitqiegħed meter tal-elettriku, u formazzjoni ta' armarju f'ieħor mill-ħitan u dan bi preġudizzju tad-drittijiet tal-atturi u tal-istabbilita' tal-istruttura.*

*Peress illi dan ix-xogħol baqa' għaddej minkejja t-twissijiet tal-atturi.*

*Peress illi dan ix-xogħol jikkostitwixxi kwur tal-obbligi imsemmija u daqstant jammonta għal disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti.*

*Jgħidu l-konvenuti għaliex ma għandiex din il-Qorti:*

1) *Tiddikjara illi l-konvenuti bix-xogħolijiet fuq imsemmija naqsu li josservaw l-obbligi assunti minnhom fl-atti tal-*

*mandat fuq imsemmi u daqstant huma ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti.*

2) *Konsegwentement tikkundannahom għal xi waħda mill-piena kkontemplati fl-Artikolu disa' mija u sebgħa u disgħin (997) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili u għal kull piena applikabbili skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawn tal-mandat ta' inbizzjoni fuq imsemmi.*

Il-Qorti rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi kkonfermata bil-ġurament.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Ottubru 1994, fejn "Il-Qorti, wara li semghet id-deposizzjoni tal-konvenut dwar il-kontumaci. Tara li ma hemmx raġuni suffiċjenti. Tordna l-isfilz tan-nota imsemmija." U konsegwentament tali nota tal-eċċezzjonijiet ġiet sfilzata.

Rat li fuq talba tal-atturi ġie allegat il-proċess tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1352/1993 fl-ismijiet Joseph Tabone et vs Francis Schembri et.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi[1].

Rat li l-konvenuti naqsu milli jipprezentaw in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li sar aċċess nhar id-9 ta' Otttubru 2020.

[1] A fol. 245 tal-proċess

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawa tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**It-Talba tal-Atturi**

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tidikjara li nonostante l-mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1352/1993 kontra l-konvenuti u li permezz tiegħu l-konvenuti ddikjaraw li mhux ser jagħmlu ebda xogħolijiet fil-proprjeta' tagħhom għajr taħt id-direzzjoni ta' Perit, il-konvenuti xorta waħda għamlu xogħolijiet u għalhekk tikkundannahom għal disprezz.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni preżentat mill-atturi kien jgħid hekk:

> *"Illi l-imsemmija aħwa Tabone huma il-proprjetarji tal-fond numru tmienja (8) ta' Triq San Ġuzepp, Victoria, Għawdex, li jmiss minn nofsinhar mal-fond numru seba' (7) proprjeta tal-intimati*
>
> *Illi l-konjuġi Portelli huma l-proprjetarji tad-dar numru ħamsa (5) Triq Michelangelo Refalo, Victoria, Għawdex, li hija sovrastanti għall-fond numru seba' (7) Triq San Ġusepp, fuq imsemmi*
>
> *Illi l-komparenti Joseph Schembri huwa l-proprjetarju tal-fond numru sitta (6) ta' Triq San Ġusepp, Victoria, Għawdex, li jmiss*

*mit-tramuntana mal-fond numru sebgħa (7) tal-istess Triq fuq imsemmija.*

*Illi riċentament l-intimati bdew jagħmlu xogħolijiet ta' ħatt u demolizjoni tal-proprjeta' tagħhom konsistenti fil-ħatt tal-imramma u ħatt ta' ħnejjiet.*

*Illi dan ix-xogħol qiegħed ikun ta' preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrenti sew billi qed jipperikola l-istabbilita tal-bini tagħhom anki billi bit-tidil fil-wisgħa mill-ħajt komuni.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-Qima li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-Ispedizjoni tal-opportun Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimati jiġu miżmuma milli personalment jew permezz ta' terzi jissoltaw bix-xogħolijiet imsemmija u stante li x-xogħolijiet għadu sejjer jitlob li dan ir-rikors jiġi milqugħ proviżorjament sakemm ikun hemm digriet finali."*

Illi tali Mandat ta' Inibizzjoni ġie appuntat għas-smiegħ għal nhar l-14 ta' Diċembru 1993 b'ordni ta' notifika ta' tali rikors lill-intimati kif ukoll provvizorjament waqfien mix-xogħolijiet sakemm jiġi dekretat ir-rikors.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 1993 ġie verbalizzat hekk:

*"Meta ssejjah ir-rikors deheru l-partijiet assistiti minn Dr. Michael Grech u Dr. Mario Xerri.*

*L-intimati assistiti minn Dr. Mario Xerri jiddikjaraw li huma ma humiex ser jaghmlu xogholijiet akar fil-hajt divizorju ta' mar-rikorrent Tabone u jintrabtu li jaghlqu b'mod permanenti dik il-*

*parti mill-hajt divizorju gia miftuha skond kif jidderiegi il-Perit nominat hawn taht dwar it-tnehhija ta' dik il-parti mill-hnejjiet li jinsabu fil-proprjeta tal-intimati.*

*Il-Partijiet jaqblu li jigi nominat Perit Tekniku u l-partijiet jaqblu li jigi nominat l-AIC Teddie Busuttil u l-intimati jintrabtu li ma jaghmlu l-ebda xogholijiet ghajr dawk li jigu awtorizzati mill-istess Perit Tekniku u bil-mod stabbilit minnu.*

*In vista ta' din id-dikjarazzjoni ir-rikorrenti jcedu dan ir-rikors."*

**Provi Prodotti:**

Nhar id-9 ta' Frar 1995 xehed l-attur **Joseph Tabone** li kkonferma l-kontentut tad-dikjarazzjoni tiegħu li kienet tgħid li l-atturi aħwa Tabone huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru 8, fi Triq San Ġuzepp Victoria, Għawdex, l-atturi konjuġi Portelli huma l-proprjetarji tad-dar numru 5 fi Triq Michelangelo Refalo Victoria, Għawdex filwaqt li l-konvenut Joseph Schembri huwa l-proprjetarju tal-fond numru 6, Triq San Ġusepp, Victoria.

Huwa iddikjara li riċentament, l-intimati bdew xogħolijiet strutturali fil-proprjeta' tagħhom liema xogħlijiet kienu in parti anke fil-ħajt diviżorju tal-proprjeta' imsemmija u stante li dawn ix-xogħolijiet kienu jippreġudikaw id-drittijiet tagħhom huma pproċedew b'mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex dawn jiġu miżmuma milli personalment jew permezz ta' terzi jagħmlu kwalsiasi xogħolijiet f'dan il-ħajt, liema mandat iġib in-numru 1352/1993, u fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 1993 il-konvenuti ntrabtu li ma jagħmlu ebda xogħolijiet ulterjuri għajr dawk li jiġu espressament awtorizzati mill-perit arkitett

li jiġi maħtur għal dan il-għan minn din il-Qorti bi qbil bejn il-partijiet u li ma jkunux jippreġudikaw il-jeddijiet tal-atturi.

Kompla jgħid li għalkemm għal xi żmien il-konvenuti qagħdu għal dak ivverbalizzat minnhom, riċentement reġgħu bdew xogħolijiet ulterjuri fil-ħajt diviżorju li jinkludu tqattigħ fil-ħajt diviżorju sabiex jitqiegħed meter tal-elettriku, formazzjoni ta' armarju f'ieħor mill-ħitan u dan bi preġudizzju għad-drittijiet tal-atturi, b'dana li x-xogħol baqa' għaddej minkejja t-twissijiet tal-atturi u talbu li għandu jiġi ddikjarat li dan jikkostitwixxi ksur tal-obbligi u għalhekk jammonta għal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Xehed li reġa' sar armarju ġol-ħajt, man-naħa tiegħu tal-ħanut u reġgħu ħadu l-imramma ta' barra u għamlu l-bieb magħha u ħadulu l-imramma kollha, anzi sal-ħajt mhux nofsha bħalma hemm f'xi dikjarazzjoni tal-perit hemmhekk, ġie jkejjilha u fl-istess ħin kellu katusa li ġiet magħluqa.

Żied li l-Qorti ordnat lill-intimati biex itellgħu l-ħajt taħt id-direzzjoni ta' perit iżda huma pproċedew mingħajr il-Perit. Żied jgħid li reġgħu ħaffru ħofra ġol-ħajt biex taparsi sabu armarju, biex taparsi jkollhom aċċess għall-imramma. Xehed li dan l-armarju qatt ma kien jeżisti tant u hekk li l-ħajt kien miksi bis-siment qabel waqa'. Wara dan reġgħu għamlu l-bieb ta' barra. Kompla jgħid li ħaffru ħofra ġol-ħajt u daħallu ġo tiegħu filwaqt li żied li l-armarju qatt ma eżista tant li l-ħajt kien miksi bis-siment.

Nhar is-26 ta' Mejju 1995 xehed **Anglu Sultana** li spjega li I-post bin-numru 7, Triq San Ġusepp, Victoria, Għawdex, kien proprjeta' ta' missier il-mara tiegħu u kien jużah bħala ħanut tal-grocer. Xehed li hu kien jiffrekwenta dan il-post bejn is-sena 1950 u 1960. Kompla jgħid

li sussegwentement il-fond inqasam bejn uliedu: Joe Schembri ġie assenjat terzi li kien jużah bħala ħanut tal-grocer ukoll filwaqt li l-oħrajn ħadu żewġ terzi. Xehed li sakemm hu kien għadu jidħol fil-ħanut dan kien għadu f'idejn missier il-mara u ma jafx li kien hemm ebda armarji ġol-ħitan ta' dan l-istess ħanut. Żied jgħid li hu jiftakar il-meter tal-luce elettrika fuq il-parti li ġiet assenjata lil Carmel Schembri.

Xehdet **Frances Schembri** nhar is-26 ta' Mejju 1995 li spjegat li hija oħt l-attur Joseph Schembri li għandu ħanut tal-grocer fi Triq San Ġuzepp, ir-Rabat, Għawdex u tiftakar li dan il-fond kien inqasam xi żmien ilu. Żiedet tgħid li binha Joseph Schembri ġie assenjat żewġ terzi filwaqt li terz ġie assenjat lil Joseph Schembri u cioe' żewġha. Kompliet li f'dan il-ħanut qatt ma tiftakar li kien hemm xi armarji ġewwa l-ħitan.

Xehed **Joseph Tabone** (u cioe' wieħed mill-proprjetarji tal-fond bin-numru 8) permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn spjega li hu flimkien ma' ħutu proprjetarji tal-fond bin-numru 8, Triq San Ġuzepp, Victoria, Għawdex li jmiss mal-proprjeta tal-aħwa Schembri bin-numru 7, Triq San Ġuzepp, Victoria, Għawdex. Xehed li kien ġie infurmat minn ħutu li l-konvenuti Schembri kienu qed jagħmlu xi xogħolijiet fil-ħajt diviżorju li kien hemm bejn il-proprjeta' tagħhom u l-proprjeta' tiegħu u ta' ħutu u kien għalhekk li huwa mar fuq il-post u kkonferma li kienu qed isiru x-xogħolijiet. Kompla jgħid li hu tkellem ma' Joseph Schembri u cioe' l-attur l-ieħor kif ukoll ma' Frank Portelli u kienu preżentaw mandat ta' inibizzjoni sabiex l-intimati jiġu mwaqqfa milli jkomplu jagħmlu xogħolijiet li kienu ta' ħsara għall-proprjeta' tagħhom ilkoll u fil-fatt l-intimati kienu promettew li mhumiex ser ikomplu b'xogħolijiet a detriment tal-proprjetajiet tal-atturi u li dak kollu li kien ser isir minnhom kellu jsir taħt superviżjoni ta' perit inkarigat mill-

Qorti. Żied jgħid li sa dak iż-żmien, l-aħwa Schembri kienu ser jibdew iħottu l-imramma kif ukoll li kienu waħħlu xi travi kemm mal-linja diviżorja sabiex b'hekk ikomplu jhottu l-imramma kif ukoll waħħlu xi travi fl-irjus tal-ħnejjiet eżistenti.

Ix-xhud spjega li wara li ġie degretat il-mandat, l-aħwa Schembri reġgħu bdew bix-xogħolijiet bi preġudizzju għall-proprjetajiet rispettivi tiegħu u ta' ħutu u tal-atturi l-oħra. Kompla li hu kien ġie infurmat li reġa' beda isir demolizzjoni fil-ħajt li jifred il-proprjeta' tal-aħwa Schembri (konvenuti) mill-proprjeta' tiegħu u ta' ħutu u li kienet ġiet iffurmata bħal speċi ta' armarju. Qal li immedjatament mar għand l-avukat li pprepara din il-kawża li fiha hemm involuti wkoll il-proprjetarji l-oħra li għandhom proprjeta' li tmiss ma' dik tal-konvenuti. Spjega li kien jidher ċar li l-intenzjoni tal-aħwa Schembri kienet u baqgħet dik li jkomplu jħottu l-ħxuna tal-imramma u jirbħu spazju addizżjonali għall-proprjeta' tagħhom. Dan kien ser ċertament jirreka ħsarat kemm fil-proprjeta' tiegħu u ta' ħutu kif ukoll fil-proprjeta' tas-sidien l-oħrajn. Ix-xhud sostna li l-konvenuti ġew ordnati jagħlqu dik il-parti tal-imramma li qalgħu u jerġgħu jħalluha kif kienet sa minn dejjem u għandu wkoll jiġi ordnat li huma ma għandhom jagħmlu l-ebda tip ta' xogħol li jintmessu l-ħitan diviżorji u dana peress li ovvjament dan it-tip ta' xogħol ser joħloq preġudizzju kbir għall-istabbilita' ta' din il-binja kollha.

L-istess xhud reġa' xehed nhar il-5 ta' Mejju 2016 fejn spjega li x-shutter kienet imwaħħla mal-faċċata kolha tiegħu u dan mill-konvenuti aħwa Schembri. Kompla jispjega li l-konvenuti użaw il-koxxa tal-bieb tagħhom stess sal-bieb tal-ħanut tiegħu b'dana li għamluh daqs il-wisa' tal-imramma kollu biex taparsi hemm kien tagħhom, liema shutter illum tneħħa wara l-kawża.

B'referenza għall-pipe tal-ilma, spjega li għall-ilma tal-bejt kien hemm pipe għaddej minn ġol-ħajt u kien joħrog il-barra, liema pipe ma għadux jeżisti għax il-konvenuti saddewh b'dana li issa l-ilma jagħti għal ġod-drenaġġ.

Nhar it-3 ta' Ġunju 2016 ix-xhud ppreżenta ritratt li juri katusa nieżla minn fuq il-bejt li kienet titfa' l-ilma l-barra liema katusa illum hija magħluqa.

In kontro-eżami nhar it-18 ta' Novembru 2016 ix-xhud spjega li hu għamel il-kawża għax irid li kollox jibqa' kif kien. Mistoqsi x'inhi diffikulta li jmur il-perit biex jindika fejn hu l-ħajt diviżorju, huwa qal li l-Perit tiegħu diġa mar u ma għandux għalfejn jinġab perit ieħor. Spjega li huwa jaf kif kien il-post tal-kovenuti għax mar u ra b'għajnejh meta kien qiegħed jagħmel ix-xogħolijiet. Spjega li huma ndunaw meta poġġa t-travu. Mistoqsi kif ser jiġi ppreġudikat bix-xogħolijiet tal-konvenuti huwa qal li ħa joħodlu l-imramma ta' mal-ħajt. Żied li l-ħajt ma baqax kif kien, kien poġġa travu biex jieħu l-imramma, imbagħad reġa għalaqha. Mistosqi jekk huwa kuntent bix-xogħolijiet preżenti huwa qal li jekk tellgħu taħt it-travu u qiegħed minfud sew, jaħseb li qiegħed tajjeb.

In ri-eżami spjega li l-ħajt kien lixx u ma kienx hemm travu, imbagħad poġġew travu biex neħħew il-ħajt. Sussegwentmaent u wara li kienu għamlu t-travu, kienu żarmaw parti mill-ħajt iżda mbagħad reġġħu tellgħuh u ħallew armarju ġo fih li qatt ma kien jeżisti qabel. Żied jgħid li kieku għamel toqba fejn ipoggi l-affarijiet ma jimpurtax, imma mhux li taqqab biex neħħa l-imramma.

**Joseph Schembri,** (il-proprjetarju tal-fond bin-numru 6) li jmiss mal-proprjeta' bin-numru sebgħa, appartenenti lill-aħwa Schembri, li huma

konvenuti f'din il-kawza, xehed li hu jgħix fil-fond bin-numru 6 peress li hu għandu ħanut u ilu jaħdem hemm sa minn meta kellu 18-il sena u illum il-ġurnata minkejja li għandu ż-żmien għadu jaħdem hemm.

Spjega li fis-sena 1992 kien osserva li l-intimati bdew jagħmlu xi xogħolijiet fil-fond tagħhom, partikolarment mal-ħajt eżistenti bejn il-proprjeta' tagħhom u l-proprjeta' tal-aħwa Tabone u kien innota wkoll li kienu twaħħlu travi taħt il-ħnejjiet eżistenti fil-fond tal-konvenuti Schembri b'tali mod li ttaqqab il-ħajt eżistenti bejn il-proprjeta' tal-konvenuti Schembri tant li t-travu nifed għal ġol-proprjeta' tiegħu. Spjega li huwa inkwieta li l-proprjeta' tiegħu kienet ser issofri ħsarat u għalhekk tkellem ma' Joseph Tabone, li għandu flimkien ma' hutu proprjeta' li tmiss mal-fond tal-konvenuti Schembri. Tkellem ukoll ma' Frank Portelli li l-ġenituri tiegħu għandhom proprjeta' li tiġi fuq l-arja tal-fond tal-konvenuti Schembri u tal-fond tiegħu. Kien għalhekk li ġie ppreżentat mandat ta' inibizzjoni sabiex l-aħwa Schembri jieqfu mix-xogħolijiet li kienu qed jagħmlu bi preġudizzju għall-proprjetajiet rispettivi tagħhom u waqt il-mandat, l-aħwa Schembri kienu promettew li ma jagħmlu l-ebda xogħolijiet oħra fejn jippreġudikaw il-proprjetajiet rispettivi tagħhom ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-perit imqabbad mill-Qorti. Kompla li minkejja tali obbligu, ftit żmien wara, l-aħwa Schembri komplew b'xogħolijiet oħra bi preġudizzju kemm għall-proprjeta' tiegħu kif ukoll għall-proprjetajiet rispettivi tal-atturi l-oħra. Qal li l-aħwa Schembri kienu bdew iħottu l-imramma eżistenti bejn il-proprjeta' tagħhom u l-proprjeta' tal-aħwa Tabone. Spjega li x-xogħol li sar filgħodu u kien ġie allegat li nstab armarju fil-ħajt eżistenti bejn il-proprjeta' tal-konvenuti Schembri u l-proprjeta' tal-aħwa Tabone. Kien jidher ċar li l-aħwa Schembri kienu bdew iħottu l-imramma u qalgħu parti minnha sabiex jagħtu sembjanza li hemm armarju fil-ħajt. Xehed li meta wieħed jara l-allegat armarju, wieħed

immedjatament jinduna li dan mhu armarju xejn iżda huwa sempliċiment ġebel maqlugħ.

Ix-xhud kompla jgħid li l-ħajt eżistenti bejn il-proprjeta' tiegħu u l-proprjeta' tal-konvenuti Schembri mhuwiex ħajt tal-imramma bħalma hu l-ħajt eżistenti bejn il-proprjeta' tal-konvenuti Schembri u tal-atturi aħwa Tabone. Oriġinarjament, il-proprjeta' tiegħu u l-proprjeta' tal-konvenuti Schembri kienet post wieħed iżda mbagħad kien inbena ħajt singlu li jaqsam il-proprjeta' tiegħu minn dik tal-konvenuti Schembri, liema ħajt kien qisu partition u ma kienx inbena b'pedamenti iżda sempliċiment tpoġġa fuq l-art eżistenti. Il-bennej li kien għamlu kien il-mejjet Elija Mercieca. Xehed li hu kien tkellem ma' Mercieca ftit żmien qabel ma ġie preżentat il-mandat ta' inibizzjoni u kien għamilhielu ċara li ġialadarba dak il-ħajt ma kellux pedamenti, kwalunkwe titqib jew triffid joħloq dgħjufija fl-istess ħajt bil-possibilta' li jaqa. Ghalhekk, hu kien inkwieta ħafna meta dan il-ħajt intmess.

Spjega li wara li sar dan il-mandat ta' inibizzajoni fuq imsemmi, l-aħwa Schembri, mingħajr l-ebda awtorizzazzjoni, kienu qattgħu f'dan il-ħajt sabiex ipoġġu l-meter tad-dawl hemmhekk, b'dana li huma reġgħu għal darb'oħra niffdu għal ġol-proprjeta' tiegħu u kien wara dan l-aġir abużiv u illegali, li hu reġa tkellem ma' Joseph Tabone u ma' Frank Portelli sabiex jieħdu azzjoni ħalli jissalvagwardjaw il-proprjetajiet rispettivi tagħhom.

Żied li hu qed jitlob li dan il-meter jitneħħa u li t-tqattigħ li sar fil-ħajt eżistenti bejn il-proprjeta' tiegħu u dik tal-konvenuti jiġi mimli u ripristinat kif kien. In oltre, fuq in-naħa l-oħra, ossija bejn il-proprjeta' tal-konvenuti u l-proprjeta' tal-aħwa Schembri, il-ħajt tal-imramma wkoll għandu jiġi ripristinat għal li kien, mingħajr l-ebda armarju

peress li jekk jitħalla kif inhu u anke f'każ li l-konvenuti Schembri jagħmlu xogħolijiet oħra fejn neħħu parti ikbar minn din l-imramma, żgur li l-binja kollha nkluż il-proprjeta' tiegħu ser tiġi ppreġudikata peress li ser iddgħajjef l-istruttura u l-istabbilita' tal-binja kollha. Talab ukoll li l-konvenuti Schembri jiġu ordnati li ma jagħmlu l-ebda tip ta' xogħol li jintmessu l-ħitan diviżorji.

In kontro-eżami x-xhud spjega li huwa proprjetarju tal-ħanut li jinsab maġenb id-dar. Mistoqsi x'inhu l-ilment tiegħu huwa spjega li l-ħajt qatt ma seta jintmess peress li fih żewġ ħnejjiet, il-ħanut tal-konvenut u tiegħu huma ħnejja waħda, u kif taqta saqajn il-ħnejja taqa tant li huwa kellu jagħmel travi u għandu wkoll ħafna konsenturi li żdiedu fil-ħanut tiegħu. Huwa tenna li wieħed ma jistax jaqbad ittajjar saqajn il-ħnejja. Spjega li t-travu li hemm ma jistax jinqala għax jekk jinqala l-ħsara ser tiżdied. Tenna li t-toqba ħalliha bl-iskop li jkompli jkabbar u l-metre tad-dawl dejjem fuq barra kien meta kien għand il-kuġin tiegħu. Spjega li l-imramma qiegħda mal-ħanut li jmiss ma' ta' Tabone iżda meta jneħħi l-imramma l-ħnejjiet jiġu mperpru u l-ħnejjiet jagħtu mill-ħanut tal-ħajt ta' Tabone għal mal-ħanut tiegħu.

**Frank Portelli,** għan-nom tal-ġenituri tiegħu li huma mdaħħla fiż-żmien u li huma l-proprjetarju tal-fond numru 5, xehed li hu kien avviċinat minn Joseph Tabone u Joseph Schembri fejn kienu nfurawh li l-aħwa Schembri kienu qed jagħmlu xogħolijiet bi preġudizzju għad-drittijiet tagħhom u tal-ġenituri tiegħu peress li dawn ix-xogħolijiet kienu qegħdin isiru fil-ħajt diviżorju, kemm dak li jmiss mal-proprjeta' ta' Joseph Tabone u ħutu kif ukoll ma' dak il-ħajt li jmiss mal-proprjeta' ta' Joseph Schembri.

Xehed li l-mandat kien sar minħabba li l-intimati Schembri bdew iħottu partijiet mill-ħitan diviżorji u jneħħu l-imramma kif ukoll li kienu waħħlu travi kemm matul il-linja tal-ħajt diviżorju kif ukoll taħt il-ħnejjiet. Spjega li kienu saru travi fejn tneħħew l-irjus tal-ħnejjiet u twaħħli t-travi. Fis-smigħ ta' dan il-mandat, l-aħwa Schembri kienu promettew li ma jagħmlu l-ebda xogħolijiet oħra f'dawn il-ħitan diviżorju ħlief bil-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-perit imqabbad mill-Qorti u minkejja dan xi żmien wara, reġgħu marru jkellmuh l-attur Joseph Schembri u l-attur Joseph Tabone li kienu għal darb'ohra nfurmawh, li l-aħwa Schembri kienu reġgħu bdew jagħmlu xogħolijiet bi preġudizzju għad-drittijiet tagħhom u tal-ġenituri tiegħu. Xehed li ġie infurmat li l-aħwa Schembri kienu qalgħu parti mill-imramma li hemm fid-divizjoni Bern il-proprjeta' tagħhom u l-proprjeta' tal-aħwa Tabone u ffurmaw armarju f'din l-imramma. Qal li huwa mar jara dan l-armarju u kien jidher kif għadu jidher sal-lum li kien sempliċiment ġebel maqlugħ filwaqt li żied li dan l-allegat armarju kien sar fuq in-naħa ta' quddiem tal-proprjeta'.

Spjega li jekk jintmess il-ħajt diviżorju li hemm bejn il-konvenuti u l-attur Joseph Schembri, żgur issir ħsara lill-proprjeta' tal-ġenituri tiegħu u għalhekk riedu li jaċċerta li l-proprjeta' tal-ġenituri tiegħu ma tiġix preġudikata.

Kompla li hu qiegħed jissuġġerixxi għan-nom tal-ġenituri tiegħu li l-konvenuti ma jitħallewx jagħmlu xogħolijiet oħra li bihom jistgħu jipprepudikaw l-istabbilita' ta din il-proprjeta'.

Il-Perit **Saviour Micallef** xehed nhar il-5 ta' Mejju 2016 fejn spjega li fuq inkarigu tal-familja Tabone huwa kien aċċeda fuq il-fond bl-isem Gangu Bar u ħareg rapport relattiv li jgħid is-segwenti:

*Jiena, il-perit sottoskritt, accedejt gol-fond bl-isem "Gangu's Bar" fi Triq San Guzepp, Rabat, Ghawdex, propjeta tal-familja Tabone. Il-fond imiss minn nofsinhar ma' hanut zghir propjeta ta' l-ahwa Schembri.*

*Mela accedejt fuq il-fond, jiens ikkonstatajt dan li gej:*

1) *Illi l-ahwa Schembri ricentament wahhlu shutter tal-metal mal-faccata tal-hanut taghhom, tali mod illi dana ix-"shutter" jokkupa il-hxuna kola tal-hajt divizorju dobblu in-naha ta' l-ahwa Tabone. Dana minflok illi ix-"shutter" twahhal mal-faccata sal-parti ta' nods il-hxuna tal-hajt divizorju propjeta tal-ahwa Schembri. Barra minn hekk l-ahwa Schembri wahhlu ukoll xambrella vertikali tal-irham f'tarf ix-"shutter", liema irhama hija kollha kemm hi fil-parti tal-hajt divizorju projeta tal-ahwa Tabone.*
2) *Illi l-ahwa Schembri wahhlu ukoll armatura tal-injam mal-faccata fuq l-imsemmi shutter, liema armatura tesporgi ghall-got triq xi zewg piedi. Illi mhux talli ma thallietx distanza mill-appogg tan-naha tal-ahwa Tabone, izda talli l-armaturi tokkupa il-hxuna totali tal-hajt divizorju imsemmi.*

Spjega li Schembri kien waħħal shutter u armatura tal-injam li kienu jkopru l-faċċata tal-wisa tad-dobblu kollu. Kompla jgħid li dawn hemm kienu iżda safejn jaf hu dawn tneħħew illum. Spjega li l-ħanut tal-ħaxix li huwa ta' Joseph Schembri huwa antik u jifforma parti minn ħanut id-dejjaq tal-konvenuti u li bejniethom kienu tellgħu ħajt singlu pero' l-ħnejjiet baqgħu għaddejjin mill-proprjeta' ta Joseph Schembri

għal ġo tal-aħwa Schembri, jirrumbaw għal ġol-appoġġ li huwa dobblu li hu bejn il-proprjeta' ta' Tabone u tal-konvenuti.

Kompla jgħid li l-aħwa Schembri kienu qed jippruvaw jaqilgħu parti mill-ħxuna ta' dan il-ħajt id-dobblu li jiġi appoġġ ma' Tabone, u dan ix-xogħol joħloq żewġ problemi: waħda ċivili jekk wieħed jistax jaqbad jieħu nofs il-ħajt u l-oħra strutturali. B'referenza għall-problema strutturali huwa spjega li meta jkollok ħajt dobblu oħxon u ġġibu dejjaq ġo bini ta' dak it-tip, fuq it-tafal jew fuq il-ħamrija kif inhu, l-ewwel nett trid tissapportja ta' fuqek u t-tieni nett hemm problema oħra għax imbagħad qed iżżid il-pressure fuq il-ground u jkollok iżjed settlement, għax jekk minn ħajt oħxon iġġibu dejjaq il-pressure ta' fuq per square metre ħa tiġi ħafna ikbar hux fuq is-soil, allura ħa jkun hemm ċediment, allura wieħed irid joqgħod ħafna attent.

Spjega li imramma huwa l-appoġġ dobblu li hemm bejn il-proprjetajiet. Kompla li huwa ra li l-konvenut kien qed jipprova jaqla' u barra minn hekk kien qed jipprova jonġor parti mill-ħnejjiet ukoll. Mistoqsi fuq il-proposti tal-perit tal-kovenuti u cioe' tal-Perit Leli Vella huwa spjega li ma huwiex f'pozizzjoni li jgħid jekk dak proprost hux tajjeb peress li wieħed irid jara l-piżijiet li hemm.

B'referenza għall-pipe tal-ilma li kien nieżel minn fuq u li kien jagħti għat-triq, spjega li l-aħħar li mar ma rahx dan il-pipe.

Fit-3 ta' Ġunju 2016 xehed **Gianni Schembri** fejn spjega li l-post bin-numru 7 kien jappartjeni lill-familja tagħhom iżda biegħuh lil Frank Schembri.S pjega li qabel kien fond wieħed iżda wara s-snin kien inqasam tant li anke jiftakar il-fond mingħajr ħajt u ma kien hemm ebda armarji fil-ħajt. Spjega li meta sar il-ħajt diviżorju bejn ħanut u l-ieħor

fuq in-naħa li llum hu okkupat minn Frank Schembri ma kien hemm ebda armarji.

**George Schembri** preżenta affidavit nhar il-11 ta' April 2017 fejn spjega li huwa proprjetarju ta' ħanut biswit il-proprjeta' ta' Joseph Tabone u ilu għandu għal 15-il sena. Il-proprjeta' hija waħda antika ħafna u bejn il-proprjetajiet hemm ħajt dobblu minn tal-anqas metru wisa li fih kien hemm armarju li jmiss ma' ta' Tabone, liema armarju jippretendih peress li jgħid li l-armarju jirbaħ id-dritt fuq il-ħajt, liema spazju huwa bżonnjuż ħafna għalih. Ix-xhud kompla li hu ma għamel xejn kontra l-liġi tant li f'tiegħu kien u baqa' u ma jippretendi xejn li mhux tiegħu.

In kontro-ezami huwa qal li jiftakar li kien sar mandat qabel il-kawża u li fiha huma intrabtu li ma jagħmlu ebda xogħolijiet fil-ħanut għajr bl-awtorizżazzjoni tal-Perit tal-Qorti. Huwa spjega li ma għamlu ebda xogħolijiet u kull ma għamlu kien li ksew il-ħanut u rranġawh. Spjega li meta sar il-mandat huma kienu għamlu t-travu fil-ħajt li għadu hemm sallum u ksewh biss. Mistoqsi jekk biex ksew il-ħajt ġabux il-Perit tal-Qorti huwa wieġeb li ma kienx hemm bżonn.

Xehed li meta qal li l-wisa tal-ħajt huwa ta' metru, dan mhux għax kejlu iżda bejn wieħed u ieħor. Huwa ċaħad li hemm meters tad-dawl ġol-armarju iżda kien tħaffer żewg pulzieri ġol-ħajt in-naħa ta' Joseph.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Vella pro et noe vs Joseph Gatt** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 2001 fejn il-Qorti għamlet is-segwenti riflessjoni:

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawża odjerna titratta dwar kawża ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bħala tali taqa' taħt id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dwar il-prinċipji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet "**Reġistratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta**" deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2000 (Ċitaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza ġiet ċitata d-deċiżjoni "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) fejn ingħad li tali artikoli huma intiżi sabiex:-

"Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F'dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b'citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f' azzjonijiet civili, ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f'dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza (Artikolu 998 tal-Kap 12)."

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skont is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri"** (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990):-

*"Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja."*

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma meħtiega sabiex tinżamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza tagħha "**Il-Qorti vs George Galea**" (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi dan ifisser li tali regolamenti qegħdin hemm sabiex b'mod effettiv jiġi aċċertat li ħadd ma jista' jmur kontra l-liġi.

Fis-sentenza '**Bonello vs Onor. Prim Ministru et'**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997 ingħad li "*l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap.12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti".*

Waħda mill-poteri ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' li bis-saħħa tagħha tkun ingħatat dik l-ordni (C.J. Miller – Contempt of Court – 2nd Edition 1990 – 25-29). L-interess soċjali u l-buon ordni pubbliku jesiġu li l-ordnijiet tal-Qorti jiġu obduti u jiġu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet għal dawk l-ordnijiet (Vol.XXIX.II.1023; **Camilleri noe vs Vella** – Qorti tal-Appell – 7 ta' Ottubru 1997).

Ikompli jgħid l-awtur C.J. Miller:

*"One general point must be emphasised with respect to such positive or mandatory orders.T hat is that the power to commit for contempt will be used only in an extreme case and where it is necessary to make*

*the order effective …civil contempt of Court exists thereof to provide the ultimate sanction against a person who refuses to comply with the order of a properly constituted Court ... but as Lord Diplock has recognised there is also an element of public policy in punishing civil contempt, since the administration of justice would be undermined if the order of any Court of Law could be disregarded with impunity."*

Fis-sentenza tiegħu fil-kawża '**In Re Bramblevale Limited'** (1970) Lord Denning ikompli jfisser u jkompli jinkwadra n-natura tal-istitut hekk:

*"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt".*

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi rriżulta li dak allegat mill-atturi fih mis-sewwa tant li preliminarjament l-intimat George Schembri qal li kull ma għamel kien li kesa il-ħajt iżda meta mistoqsi in kontro-eżami dwar ix-xogħolijiet huwa wieġeb hekk:

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri</u>: Mela inti ghandek, ghandek fehim li ghamiltu f'mandat bien ma taghmlux xoghlijiet jekk mhux ghax bil-permess tal-Perit, sewwa, permezz tal-Perit bier komplejtu bix-xoghlijiet gibtu?*

*<u>Xhud</u>: Le kisi ghamilna, ma ghamilniex xoghlijiet tal-dan.*

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri</u>: Kisi mhux xoghol ghalik?*

*<u>Xhud</u>: Ehe.*

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri:</u> Issa, u jekk nghidlek illi intom wara dakinhar ghamiltu armarju fil-hajt u harritu fil-hajt, dan qed tghid li mhux vera?*

*<u>Xhud</u>: Ma jidhirx dan kienx hemm jew le, dan jidher, tistghu tegu tarawh hux antik jew le, tista tigi tarah, jigi jarah min irid.*

...

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri:</u> Mela n-naha ta Joey haffirtu, qattajtu zewg (2), zewg (2) xiex?*

*<u>Xhud</u>: Ehe, kemm dahal nofs l-arlogg, nofs….*

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri</u>: Zewg (2), kemm?*

*<u>Xhud</u>: Issa jien m'ghandix kejl ezatt.*

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri:</u> Imma jigifieri qattajtu gol-hajt biex tpoggu l-meter?*

*<u>Xhud</u>: Mhux qattjana gol-hajt, l-electrician ghamel il-plakka gol-hajt u daqshekk, m'hemm xejn, tista tigi taraha, dan m'ghandux x'jaqsam man-naha ta Joey hemmhekk. Dan jidher ta hux qadim jew le, dawn affarijiet li jidhru.*

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri:</u> Iva ilek tghid, imma dak x'qed tghid int, nies li huma antiki iktar minnek qed jghidu li ma kienx hemm.*

*<u>Xhud</u>: Mhux l-antiki, dan ligi jarah fil-post, hux hemm jew le, hux qadim, sars illum jew le, dawn l-affarijiet jidhru.*

*<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri:</u> Nies antiki iktar minnek qed jghidu li ma kienx hemm.*

*<u>Xhud</u>: L-antiki jistghu jkunu mitt (100) sena, dan jidher, jistghu jara kienx hemm jew le, that's it.*

Il-Qorti innotat li waqt li kien qed isir il-kontro-eżami tal-atturi, l-istess atturi ġew mistoqsija jekk humiex kuntenti bl-istat preżenti tax-xogħolijiet li saru mill-konvenuti u kif dan jippreġudika l-istess atturi. In oltre, fl-affidavit tiegħu il-konvenut Goerge Schembri xehed li meta akkwista l-prorjeta jaf li kien hemm armarju fuq il-ħajt li jmiss ma' ta' Tabone u dan l-armarju jippretendih peress li jirbah id-dritt fuq il-ħajt u peress li dan l-ispazju żgħir jgħallem ħafna għalih. Kompla jgħid "Jien ma naf li ghamilt xejn kontra il-ligi. Jiena f'tieghi kont u f'tieghi bqajt. Ma nippretendi xejn minn ta' hadd u li ma ghandhix dritt ghalih pero mil-banda l-ohra ma nippretendix li hadiehor jiehu hwejgi."

L-atturi llkoll spjegaw li x-xogħolijiet li kienu qiegħdin jagħmlu l-konvenuti kien ukoll jinkludi li jneħħu l-parti ta' isfel tal-ħnejja.

Illi għalhekk il-Qorti hija konvinta li minkejja l-obbligazzjoni fil-mandat ta' inibizzjoni, il-konvenuti għaddew biex jaghmlu xogħolijiet ulterjuri mingħajr ma talbu d-direzzjoni tal-Perit kif maqbul quddiem il-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Illi ċertament li dan kollu jikkostitwixxi disprezz serju lejn l-Awtorita' tal-Qorti stante li jidher ċar li tali xogħolijiet ġew magħmula fuq ordni tal-konvenut jew waħdu jew flimkien ma' uliedu, u fiċ-ċirkostanzi hija tal-fehma li t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa.

Illi jirriżulta mill-atti li l-istess konvenuti naqsu li jitolbu xi forma ta' skuża lill-Qorti. A kuntrarju l-konvenut George Schembri insista li hu mhu jieħu xejn ta' ħadd u li ħadem f'tiegħu biss. Ġie wkoll deċiż li "hija gurisprudenza konstanti li ghalkemm il-htija tibqa', it-talba ghall-iskuza tista' timmitiga l-htija ta' min jikkometti att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti" (**"Il-Qorti vs George Galea"- A.C.14 ta' Marzu 1988 - LXXII.ii.226; "Qorti vs Caterina Cachia" - 9 ta' Marzu 1950 - K. 9.03.1950 - XXXIV.iii.783)**.

Illi għalhekk u wara li semgħet ix-xhieda tal-Partijiet kollha inkluż tal-perit, tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuti naqsu milli josservaw l-obbligi assunti minnhom fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni b'dana li huma ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita ta' din il-Qorti u konsegwentament tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom iħallsu s-somma komplessiva ta' elf u erba' mitt Ewro [€1,400] fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza fir-Registru ta' din il-Qorti.

**Decide:**

Illi għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi, billi tilqa' it-talbiet tal-atturi b'dana illi:

I. Tiddikjara li l-konvenuti kisru l-ordni ta' din il-Qorti kif kontenut fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1352/1993, u

II. Issib lill-konvenuti ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita Tagħha u tikkundannahom in solidum bejniethom iħallsu s-somma komplessiva ta' elf u erba' mitt Ewro [€1,400], fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, fir-Registru ta' din il-Qorti.

Illi l-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur Generali tal-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**(ft.) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**(ft.) Mary Jane Attard**

**Deputat Reġistratur**